FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 14 TA' DICEMBRU 2016

Il-Pulizija
(Spettur Christabelle Chetcuti)

vs

Sandra (Alexandra)Cachia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata detentrici ta' karta tal-identita' numru 86570M akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Settembru 2016. bejn id-19 u it-22 ta' Settembru 2016 u/jew b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifici foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' elfejn u disa' mitt ewro (€2,900) ghad-detriment ta' Kareen Faragher, Maronia Mifsud, Alfred Tonna, Joanna Debono, Krysta Maria Micallef, Tomasz Wiktor Styrczula u Helen Elizabeth Osbourne;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tiprovdi ghas-sigurta' tal-persuni imsemmija hawn fuq garanzija taht Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni offizi jew individwi ohra skond Artikolu 412 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputata tammetti l-akkuzi fuq liema insistiet anka meta l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibha  u tiddikjarha hatja.

Rat l-Artikolu 18, 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi:   Tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat